3 ta' Diċembru, 1955

Imħallef:

Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.

Anthony Mangion *versus* Giovanni Farrugia et.

**Sentenza — Eċċezzjoni tal-Inkompetenza — Nullità — Art. 731 u 792(c) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili**

*L-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza tal-Qorti għandha tkun deċiża b'kap separat qabel jew flimkien mas-sentenza fuq il-meritu; u l-inosservanza ta' dan il-preċett proċedurali jġib in-nullità tas-sentenza. Jekk dik l-eċċezzjoni ma tkunx ġiet mogħtija quddiem l-Ewwel Qorti, imma fil-fatt tkun ġiet imqajma, jekk stess mhux mill-partijiet, almenu mill-Qorti, dik l-eċċezzjoni tiġi tifforma parti mill-proċediment; u l-Qorti, ladarba tkun issollevat hija stess dik l-eċċezzjoni, ma tistax imbagħad tinjoraha u ma taqtagħhiex b'kap separat. Jekk tagħmel hekk, is-sentenza tagħha hija nulla.*

Il-Qorti; — Rat l-avviż quddiem il-Qorti Ċivili Inferjuri tal-Maġistrati ta' Malta, fejn l-attur talab il-kundanna tal-konvenuti jew min minnhom biex, fi żmien qasir u perentorju, jikkunsinnaw iċ-ċwievet tal-fond nru. 3, Xejba Street, Żejtun, peress li huma ma għandhom l-ebda dritt jew titolu għall-okkupazzjoni ta' l-imsemmi fond; bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tas-27 ta' Ġunju, 1955; billi għall-

fini tal-kompetenza gie dikjarat li l-valur lokatizju tal-fond hu anqas minn £10;

*Omissis;*

Rat id-deċiżjoni tal-Qorti Ċivili Inferjuri tal-Maġistrati ta' Malta tas-16 ta' Awissu, 1955, li fiha l-Qorti rrilevat l-eċċezzjoni *mogħtija* mill-konvenuti li l-konċessjoni enfitewtika tal-fond in kwistjoni li minnha jorigina t-*titolu ta' l-attur biex jieħu pussess tal-fond saret biex tiġi frustrata* l-lokazzjoni li saret a favur tal-konvenuti — eċċezzjoni li d-deċiżjoni tagħha teċċedi l-kompetenza ta' dik il-Qorti. B'dik is-sentenza dik il-Qorti laqgħet it-talba ta' l-attur, u kkundannat lill-konvenut Giovanni Farrugia li jikkonsenja ċ-ċwievet tal-fond in kwistjoni lill-attur fi żmien erbat ijiem minn dak inhar tas-*sentenza*, b'*terminu perentorju u mhux prorogabbli*, u ordnat li l-ispejjeż jitħallsu ......; billi dik il-Qorti kkunsidrat;

*Omissis;*

Rat iċ-ċitazzjoni tal-konvenuti appellanti, li talbu r-revoka tas-sentenza tas-16 ta' Awissu, 1955, tal-Qorti Ċivili In-*ferjuri tal-Maġistrati* ta' Malta; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi fit-trattazzjoni orali ta' l-appell l-appellanti ssottomettew li s-sentenza appellata hija nulla, għax fiha ma ġietx maqtugħa b'kap separat l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza tal-Qorti Ċivili Inferjuri, li tat is-sentenza;

Skond l-art. 731 tal-Kodiċi ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza għandha tkun deċiża b'kap *separat* qabel jew flimkien mas-sentenza fuq il-meritu; u l-inosservanza ta' dana l-preċett proċedurali jġib in-nullità tas-sentenza, skond l-art. 792 (c) tal-Kodiċi ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Huwa fatt li, la qabel is-sentenza tal-meritu, u lanqas f'dik is-sentenza, ma ġiet maqtugħa b'kap separat l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza "ope exceptionis". Iżda l-appellanti jsostnu li dik l-eċċezzjoni ma

kienetx ġiet mogħtija quddiem l-Ewwel Qorti, tant li ebda verbal f'dak is-sens ma jirriżulta mill-proċess;

Iżda mis-sentenza stess jirriżulta li dik l-eċċezzjoni kienet ġiet imqajma, jekk stess mhux mill-partijiet, almenu mill-istess Qorti; għax il-Qorti stess irrilevat li dik l-eċċezzjoni kienet ġiet imqajma, u kkommentat fuqha fis-sentenza; u għalhekk kienet ġiet tifforma parti mill-proċediment. Għarregolarità kien ikun wisq aħjar li kieku l-Qorti nnotat l-eċċezzjoni b'mod formali fil-proċess permezz ta' verbal; iżda dak li ma għamlitx permezz ta' verbal għamlitu fis-sentenza. U ladarba l-Qorti stess irrilevat dik l-eċċezzjoni, ma setgħetx imbagħad tinjoraha u ma taqtagħhiex b'kap separat;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tilqa' l-appell, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata, bl-ispejjeż kontra l-appellanti; u tirrinvija l-kawża quddiem l-Ewwel Qorti biex titkompla skond il-liġi.

---

**Tmiem ta' l-Ewwel Parti**

**tal-Volum XXXIX.**

---